




# Is-Surmast Angelo Mellili

## Direttur tal-Banda "Vilhena" Magħruf għall-marci funebri sbieħ tiegħu

Kitba tar-Rev. Kan. Jos. Bonello

Fit- 30 ta' April, 1898, il-gażżetta "MALTA" ħabbret li l-Banda tal-Furjana "Vilhena" akkwistat is-servizzi tas-Surmast Mellili bħala Direttur Mużikali tagħha. Min kien dan is-Surmast Mellili ?

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, bosta kienu dawk is-surmastrijiet tal-mużika, l-aktar Taljani, li sabu mpjieg mal-baned Maltin ta' dak iż-żmien. Fosthom kien hemm is-Surmast Angelo Mellil, Sqalli minn Licata (provinċja ta' Girgento) li bejn l-1898 u l-1912 idderieġa xejn anqas minn tlett baned, " La Vilhena" tal-Furjana, "San Filippo" ta' Ħaż-Żebbuġ u "San Giorgio" ta' Bormla.

## Il-Furjana fi żmien is-Surmast Mellili

Il-Furjana ta' żmien Mellili kienet ferm differenti mill-Furjana ta' llum. Is-Surmast Mellili kien Direttur tal-Banda Vilhena, 108 snin ilu, fl-1898 meta l-Furjana kienet fl-aqwa tagħha. L-Arċipriet kien il-Bormliż Francesco Mallia magħruf bħala "il-Mulej", li dam imexxi l-parroċċa għal 34 sena, u kien popolari, maħbub u ħabib ta' kulħadd. F'dak iż-żmien saru opri kbar fil-Knisja Parrokkjali, fosthom il-pittura tas-saqaf, il-koppla, l-altar maġġur u xogħolijiet oħra li sfortunatament inqerdu fl-aħħar gwerra. Il-Festa ta' San Publju kienet fl-aqwa tagħha u l-Banda Vilhena kienet ferm popolari, tant li ta' spiss kienet tkun mistiedna għal-festi titulari ta' Malta.

Il-kummerċ kien enormi bil-ħwienet kbar u sbieħ fi "Strada Sant' Anna" taħt il-loġoġ. Kienu snin tad-deheb għall-futbol tal-Furjana, b'pika kbira bejn "St. George's" ta' Bormla u l-"Floriana F.C." Din kienet il-Furjana ta' zmien is-Surmast Mellili. Kienu zminijiet oħra!

## Il-Familja Mellili

Is-surmast Mellili kien Direttur ta' waħda mill-Baned Militari Taljani. Kien miżżewweġ lit-tfajla Antonietta Martinez u kellhom ħamest itfal - Rosaria, Angelo, Maria, Giulia u Salvatore. Meta kien joqgħod il-Furjana twieldu żewgt itfal oħra, Concetta u Graziella u meta mar Bormla bħala Direttur, twieldu oħrajn li kollha ġew imgħammdin fil-Parroċċa ta' Bormla. Mellili telaq minn Malta għal Tuneż fl-14 ta' Ġunju, 1912, flimkien mal-familja tiegħu. Reġa' ġie Malta u dam biss ġimgħa, bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru, 1912. Miet f'Tuneż nhar il-30 ta' Awissu, 1913




## Direttur tal-Banda Vilhena

Mellili beda l-ħidma tiegħu mal-Banda Vilhena 1898, u malajr sar popolari fost il-membri. Ta' spiss kien ikun il-każin jitkellem u jiċċajta magħhom. F'Settembru 1900, Mellili dderiega l-Banda Furjaniża fil-Belt ta' Sirakuża, fejn il-Banda għamlet programm mużikali fil-Pjazza tal-belt. Baqa' jissemma l-programm famuż li sar l-Argotti l-Furjana fl-1 ta' April, 1905, meta fost entużjażmu kbir offrewlu rigal sabiħ u bukkett fjuri. F'dan iż-żmien kiteb ħafna marċi l-aktar funebri għall-istess banda, u sar "Innu Ġdid ta' San Publju" li kemm-il darba ndaqq, flok l-Innu famuż "Inno Nazionale a Sna Publio" ta' Ricardo Bugeja bi kliem ta' Antonio Agius. Fi żmienu l-banda għamlet progress kbir, u kienet magħrufa għall-programmi sbieħ li kienu jsiru, f'diversi postijiet f'Malta.

## Direttur tal-Banda "San Filippo" ta' Ħaż-Żebbuġ

Mitt sena ilu, waħda mill-baned popolari ta' Malta kienet "San Filippo" ta' Ħaż-Żebbuġ. Din il-banda minn dejjem kellha surmastrijiet magħrufa, fosthom kien hemm id-direttur tagħha s-Surmast Angelo Mellili. Dan beda l-ħidma tiegħu mal-banda nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 1905, meta sar programm famuż fil-Pjazza tar-Rahal. Kiteb sinfonija u marċi għall-banda, żgur iżda l-aktar xogħol kbir tiegħu huwa "Inno San Fillipo d'Aggira" li għadu jindaqq sal-lum. Mellili kien maħbub mill-membri tal-Każin San Fillipu fejn ta' spiss kien joqgħod jitkellem u jiċċajta magħhom. Dan iz-zmien sar progress kbir fil-Banda meta Mellili kellu ħafna żagħżagħ jitgħallmu l-mużika.

## Direttur tal-Banda "San Ġorġ " ta' Bormla

Mellili kellu wkoll id-direzzjoni mużikali tal-Banda "San Giogio" ta' Bormla. Kien iż-żmien , 100 sena ilu, meta Bormla saru Festi Kbar tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor tal-Parroċċa. Għalhekk Mellili kellu ċans tajjeb li juri l-kapaċita' tiegħu bħala mużiċist famuż. Huwa dderiega l-Banda meta wasal Malta l-Kardinal Ferrata biex jinkuruna l-Madonna. Idderieġa ukoll meta saret l-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Immakulata fil-Portiku tal-Knisja ta' Santa Margerita, meta ndaqq l-ewwel darba f'Malta "Si Levi a Maria".

Fl-1903, il-Banda ta' Bormla, ġiet mistiedna fil-Belt ta' Sirakusa, fejn daqqet Programm b'suċċess kbir, tant li -gażżetti ta' din il-Belt faħħru ħafna l-Banda ta' Bormla darbtejn fit 23 u 24 ta' Awissu, 1903. Mellili dam mal-Banda Bormliża sakemm minħabba saħħtu ġie biex jitlaq min Malta 1912, iżda qabel telaq ħalla bħala wirt u tifkira l-bakketta li biha s-Surmast Mellili mexxa l-Banda għal ħdax-il sena.

## Għeluq

Is-Surmast Mellili jibqa' magħruf fostna l-aktar għal-Marċi Funebri tiegħu li għadhom jindaqqu fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira. Żgur li l-isbaħ marċi funebri tiegħu huma "Cipresso", "Venerdi' Santo", Misto Ricardo",'L-Ultima Caduta" u "In Memoria del Marchese Barbaro di San Giorgio". F'Ħaż-Żebbuġ Malta, ssemmiet triq għal dan il-bravu Surmast u Kompożitur.